MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 60/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**
**Vs**

**Johan Carter**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

**1) fil-31ta' Mejju, 2004 ghall-habta tal-4.00pm, waqt li kien ghaddej bil-vettura tal-ghamla Toyota Starlet bin-Numru tar-registrazzjoni FBO-062 fi Triq in-Naxxar gewwa Birkirkara, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, kkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta'**

**Max Wayne Camilleri, ID 547685(M), hekk kif iccertifika Dr. Kevin Zammit M.D. ta' l-Isptar San Luqa, liema ferita aktarx tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh jew iggib sfregu gravi w permanenti fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn.**

**2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikolu 328 tal-Kap. 9, l-Artikolu 15 tal-Kap. 65, tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w ikkundannatu ghal multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500), kif ukoll skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal tlett (3) xhur u dan wara li rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Marzu, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka fl-intier taghha s-sentenza appellata, in kwantu sabet lill-appellant John Carter hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih, u minflok taqta' w tiddeciedi l-azzjoni odjerna billi tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha migjuba kontrih u minn kull piena, multa w skwalifika ta' licenzja; u dana filwaqt illi tordna kwalunkwe provediment iehor li jidrilha xieraq fic-cirkostanzi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe':- li l-appellant ma kienx isuq b' velocita', kif jirrizulta mill-*brake marks* twal 7.10 metri biss; li Max Wayne Camilleri ma kienx qed jaqsam minn fuq iz-*zebra crossing* li hemm ftit metri aktar il fuq minn fejn sehh l-impatt; li mill-provi prodotti ma hemm ebda dubju li Camilleri kien qed jaghti daru lejn it-triq minn fejn ipprova jaqsam; li l-Qorti ghandha**

**taghti importanza lil dak li qal ix-xhud John Paul Ciantar lis-Surgent a tempo vergine; li ma hux spjegat kif Camilleri ma rax il-karozza tal-appellant gejja lejh. Ghalhekk ir-raguni prossima tal-incident ma kienx is-sewqan ta' l-appellant li kien ghal kollox regolari w prudenti, izda kien il-fatt li Max Wayne Camilleri kien *"jaywalking"* fi triq arterjali bhal ma hi Naxxar Road. Li s-sentenza appellata ftit li xejn jidher li kienet motivata.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat il-verbal li bih il-partijiet qablu li l-Qorti tista' taccedi privatament fuq il-post minghajr il-htiega t' access formali;**

**Rat l-Ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Fl-ewwel lok din il-Qorti tixtieq li tosserva li huwa ferm desiderabbli li fl-abbozzar tar-rikorsi tal-appell, il-paragrafu jew paragrafi li jkunu jikkontjenu l-fatti fil-qosor, ghandhom jiehdu posthom f' dik il-parti tar-rikors li tigi wara r-riferenza ghad-dettalji tas-sentenza appellata w qabel il-paragrafu jew paragrafi kontenenti r-ragunijiet tal-appell jew l-aggravji. Certament li dawn mhux indikat li jkunu fl-ewwel paragrafu jew paragrafi tar-rikors - anki qabel ir-riepilogu tal-akkuza, kif gara f' dan il-kaz. Ghalkemm, ladarba hemm zewg paragrafi dedikati ghall-fatti kif graw u ghalhekk strettament ma hemmx in-nullita' kontemplata fl-artikolu 419(1) (a) tal-Kap.9, din il-Qorti trid taghmilha cara li m' ghandiex tigi introdotta din il-prassi xejn ortodossa fl-istezura tar-rikorsi tal-appell. Jigi osservat ukoll li mall-aggravji hemm meskolati hafna konsiderazzjonijiet fattwali li proprjament**

**posthom kien ukoll maz-zewg paragrafi dedikati ghall-fatti fil-qosor.**

**Ikkonsidrat;**

**Fit-tieni lok din il-Qorti tirrileva "*ex officio*" li ghalkemm il-prosekuzzjoni fil-komparixxi, korrettement iccitat l-artikolu 226 (1) (a) bhala l-artikolu li tahtu kienet qed takkuza lill-appellant b'offiza fuq il-persuna involontarja, l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, sabet htija skond l-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali. Issa dan l-artikolu citat mill-Ewwel Qorti mhux l-artikolu korrett ghax jirrigwarda biss kazijiet ta' offizi involontarji fuq il-persuni li jigu kkagunati bi** hruq**, jew** hsarat **kif imsemmi fis-subtitolu IV tat-Titolu IX tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali.**

**Invece kellu jigi citat l-artikolu 226, fejn l-offiza involontarja tkun kagjonata b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni ta' dak li jkun, jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.**

**Ikkonsidrat;**

Li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena w <u>ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;</u>

**Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jigi rispettat strettament il-vot tal-ligi fl-artikolu 382 jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428 (3) tal-Kodici Kriminali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata w tiddeciedi l-kaz mill-gdid. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Paul Cachia**" [25.9.2003] ;** "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**" [9.9.2002];** "Il-Pulizija vs. Benjamin

Muscat**” [10.7.2002 u 28.6.2002]** “Il-Pulizija vs. Donald Cilia**” [24.4.2002], “**Il-Pulizija vs. Mark Portanier**” [14.9.2004]; “**Il-Pulizija vs. John Axiaq et” **[19.5.2005] ;** “Il-Pulizija vs. Stefan Abela” **[2.2.2006] u ohrajn).**

**Illi gie ukoll ritenut li l-indikazzjoni tal-artikolu hazin jew addirittura l-indikazzjoni tal-ligi skorretta hu ekwiparat ma n-nuqqas ta’ citazzjoni tal-artikolu tal-ligi li tahtu tkun instabet htija. (ara “**Il-Pulizija vs. Mario Agius**” [3.2.1995] u ohrajn)**

**Illi gie ukoll ritenut li l-Qorti tista dejjem tirrileva tali nuqqas “*ex officio*” ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan. (ara. App.Krim.** “Il-Pulizija vs. Anthony Zahra” **[26.5.1994]** ; “Il-Pulizija vs. Vincent Cucciardi**” [6.1.2005] u ohrajn)**

**Ghalhekk din il-Qorti qed tiddikjara s-sentenza appellata nulla stante li ma giex citat l-artikolu tal-ligi li tieghu proprjament setghet tinstab htija skond l-imputazzjoni dedotta fil-komparixxi. U ghalhekk ser tghaddi biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid.**

**Ikkonsidrat;**

**Mill-ezami tal-provi traskritti jirrizulta li fil-waqt li l-appellant kien isuq il-car numru FBO-062 go Naxxar Road, Birkirkara, gej mid-direzzjoni tal-Mosta lejn il-Belt, qasam it-triq Max Wayne Camilleri mix-xellug tieghu w dan intlaqat mill-parti ta’ quddiem tax-xellug tal-vettura tieghu. Mill-isketch esebit jirrizulta li wara l-car tal-appellant instabu zewg *brake marks* twal 7.1 metri fid-dritt. Kien hemm xi marki tad-demm fejn x’ aktarx waqa’ Camilleri mall-gemb xellugi tat-triq, taht il-bankina, ftit il-quddiem minn fejn waqfet il-vettura. Meta s-Surgent tal-Pulizija 508, Francis Bezzina kellem lill-appellant *“a tempo vergine*”, dan kien qallu li kien miexi normali meta f’daqqa wahda ra l-persuna li laqat kien qed jithaddet ma tal-hanut huwa u jaqsam minghajr ma hares. Hu pprova jevitah billi bbrejkja mill-ewwel izda hadu bil-*mudguard* u dan spicca mall-**

**art. Din il-versjoni l-appellant sostniha bil-gurament meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti.**

Da parti tieghu il-*pedestrian* xehed li **hu fl-ebda hin ma ra l-karozza li laqtitu gejja qabel l-incident**. Hu kien ghadu kif mar jixtri Coca mill-*vending machine* li kien hemm fejn il-hanut tal-pastizzi *"across the road*" minn Falzon Service Station, fejn kien jahdem, u, meta ser jaqsam lura, ittajjar. Hu ma rax karozzi.

Irrizulta wkoll li ftit metri 'l fuq minn fejn gara l-incident lejn il-Mosta kien hemm *zebra crossing*. Il-*pedestrian* ma kienx qasam minn fuqha pero'.

**Ikkonsidrat;**

**Illi gie ritenut "*in subiecta materia*" illi l-*"pedestrian*", ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-"*pedestrian"* ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-*"driver*" tal-car milli juza dak il-grad ta' *"reasonable care*" li tinhtieg. Dana kollu jinghid sakemm ma tkunx giet mill-*"pedestrian*" krejata lid-*"driver*, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. (ara Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. J. Formosa", **Vol. XLIII. P. iv, p. 1023) F' sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha, e.g.** ***"meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent** jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat"*** **(App. Kriminali :** "Il-Pulizija vs. J. Thornton " **Vol. XLV. P. iv, p. 920) jew meta** ***"pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina , jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq ; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza."*** **(App. Kriminali** "Il-Pulizija vs. Cassar Desain" **Vol. XLVI. P.iv., p.765). (sottolinear ta' din il-Qorti).**

**Mill-banda l-ohra pero gie ukoll ritenut li *driver* ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-*"sudden emergency"* meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera" **[13.12.1968] ). Dan ghaliex f' kaz simili d-driver ikun qieghed isofri minn *"self inflicted incapacity",* effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.**

**Illi gie umbaghad dejjem ritenut li f 'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor. (App. Kriminali:** "Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri" **(16.3.1961) ;** "Il-Pulizija vs. John Polidano**" [3.11.1963] ;** "Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud" **(XXXVII . p.iv. p.1131) u ohrajn. ) Dana ghaliex il-*"contributory negligence"* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru . (Vol. XXXVIII, p.iv. p.883)**

**Ikkonsidrat;**

**Illi f'dan il-kaz ma hemmx dubju li l-pedestrian kien ferm imprudenti meta beda jaqsam triq alkwantu traffikiza bhal ma hija Naxxar Road, minghajr ma esplora tajjeb ghat-traffiku li seta' kien qed joqrob lejh. Jirrizulta li hu kellu vizwali fit-tul ferm il fuq lejn minn fejn kienet gejja l-car tal-appellant u li kieku hares sew kien zgur jaraha gejja lejh. Invece hu ma ra xejn. Dan kien indikattiv ta' karenza assoluta ta' *proper lookout* da parti tal-*pedestrian* li ghalih ma hemm ebda spjegazzjoni , ghajr dak li jallega l-appellant li fil-hin li beda' jaqsam il-*pedestrian* kien dar ihares lura lejn Jason Ciantar biex jitfaghlu l-hames centezmi li kellu jatih – fatt li Jason Ciantar kien stqarr li gara' ma' PS 508 Bezzina, kif jidher mill-okkorrenza (fol. 17), ghalkemm fid-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti baqa' ma semmiehx.**

**Inoltre l-pedestrian kien imprudenti ukoll meta ghazel li jaqsam fejn qasam meta seta qasam minn fuq il-*pedestrian crossing* li rrizulta li kien hemm ftit metri 'l**

**fuq fid-direzzjoni ta' minn fejn kienet gejja l-car li nvestietu. Dawn in-nuqqasijiet tal-*pedestrian* zgur li kienu fatturi determinanti w l-kawza prossima tal-incident.**

**Mill-banda l-ohra ma jirrizulta ebda nuqqas fis-sewqan tal-appellant. Mill-*brake marks* li halliet il-vettura tieghu fl-art twal 7.1 metri, jidher li hu kien qed isuq sew entro l-velocita' massima regolamentari ta' 40 kfs jew 25 mfs ghall-lokalita'. Kien isuq fid-dritt u kif intebah bil-prezenza tal-pedestrian quddiemu ser jibda' jaqsam it-triq, applika l-*brake* hesrem u waqaf entro d-distanza mistennija minn vettura li tkun qed tinsaq b' inqas mill-velocita' massima regolamentari skond tavoli sinottici li hemm mal-**Malta Highway Code**, fuq art xotta w superficje tajba kif irrizulta li kien hemm dak il-hin. Ma jirrizulta ebda nuqqas ta' *proper lookout*. Terga u tghid, peress li l-urt gara mall-kantuniera xellugija ta' quddiem il-car, li kienet qed tinsaq 3.5 mertri 'l barra mill-banikna skond l-sketch esebit, jidher li ma kienx il-kaz li l-pedestrian kien ilu f' nofs it-triq qed jaqsam ghax kull ma lahaq qasam kienu xi tul ta' tlieta jew erba passi.**

Illi vettura ghaddejja b' xi 40 kfs. trid madwar 20 metru biex tieqaf bejn it-*thinking distance* u l-*braking distance* u ghalhekk, anki jekk l-appellant kien din id-distanza jew ftit inqas il boghod meta ra lill-pedestrian ser jibda jaqsam ghal quddiemu, dejjem kien ikollu bzonn din id-distanza biex jieqaf kompletament u, jekk ma irmexxilux jieqaf, dan x' aktarx gara ghaliex il-*pedestrian* qasam meta hu kien vicin inqas minn din id-distanza minnu.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk dan hu kaz klassiku ta' emergenza subitanea krejata mill-*pedestrian* lid-*driver* li ma kien jahti xejn ghall-incident lanqas b' mod kontributorju. Il-kawza prossima tal-incident kienet il-qsim inkonsult tal-*pedestrian* bla ma esplora tajjeb it-triq li kien ser jaqsam u b' mod li beda jaqsam meta mill-vicin tieghu kienet qed tersaq fuqu vettura. Kien ukoll imprudenti meta ghazel li jaqsam minn hemm u mhux minn fuq il-*pedestrian crossing* li kien hemm ftit metri 'l fuq fit-triq.

**Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell u wara li tannulla s-sentenza appellata qed tiddeciedi l-kawza mill-gdid w wara li ssib lill-appellant mhux hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu, tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------